**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 24/2020 JPG**

**Kawza Numru: 10**

**SG**

**Vs**

**BG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BG, datat 2 ta' Lulju 2020, li jaqra hekk:

1. *Illi dina l-kawza giet intavolata nhar it-28 ta` Jannar, 2020, iktar minn hames xhur ilu, u r-rikorrenti attrici lanqas biss hadet interess illi tara li zewgha jigi notifikat. In effetto, il-kawza sallum ghada ma gietx notifikata lill-intimat / konvenut u kien biss l-interess assidwu tal-intimat li ra biex ma jinhelix hin prezzjus tal-Onorabbili Qorti li jiehu hsieb biex jipprezenta r-Risposta Guramentata tieghu flimkien ma` diversi Kontro-Talbit.*

2. *Illi fic-cirkustanzi, l-intimat konvenut BG qed jghati formalment ruhu b`Notifikat bic-Citazzjoni ta` martu ghall-Firda Legali ta` Zwieg li farket b`mod inkompressibili l-istress Rikorrenti attrici.*

3. *Illi dana mitqal, l-intimat intavola Risposta Guramentata skond il-Ligi kif ukoll diversi Kontro Talbiet li gew notifikati ukoll skond il-Ligi lir-rikorrenti Attrici fir-residenza tal-genituri taghha f`Hal- Kirkop peress illi kienet l-istess attrici li*

*abbandunat id-dar matrimonjali fiz-Zurrieq ironikament imsemmija Mio Amor , U DANA FTIT ZMIEN BISS wara li sehh iz-zwieg jew l-allegat zwieg billi jidher illi l-attrici qatt fil-verita` ma kellha interess li tizzewweg lill-intimat minkejja l-pressjoni taghha biex tizzewgu: dana johrog kollu fil-mori tal-kawza u anke a bazi tal-Istqarrijiet Guramentati tal-istess konvenut inkluz id-Dokumentazzjoni li qed tigi jew se tigi esebita.*

4. *Illi dina l-kawza kienet appuntata ghall-Ewwel Dehra ghall-20 ta` April, 2020, fil-12.15 ta` wara nofs-in-nhar izda minhabba l-Covid-19 u l-Avviz Legali 61 / 2020 ( li issa gie revokat ), l-ewwel dehra issa jekk c-cirkustanzi jipermettu sejra ssehh nhar it-Tnejn, 13 ta` Lulju, 2020 u ghalhekk huwa opportun li dana r-Rikors jigi ntavolat qabel l-ewwel dehra ufficjali.*

5. *Illi jirrizulta car li minn ezami tal-Atti Processwali l-attrici waqghet kontumaci fir-Risposta Guramentata taghha ghall-Kontro-Talbiet tal-intimat l-ghaziz zewgha BG u kwindi tali Risposta Guramentata flimkien mal-Affidavit tal-Attrici ghandhom jigu ddikjarati nulli w invalidi, ineffettivi w mhux enforzabbili skond il-ligi u b`hekk sfilzati.*

6. *Illi l-attrici ufficjalment intavolat il-kawza nhar it-28 ta` Jannar, 2020, biss il-gurament tidher li haditu fl-24 ta` Jannar, 2020, li kien il-Gimgha, erbat ijiem qabel u l-kawza erbghat ijiem wara giet  fil-fatt ipprezentata mill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi meta l-attrici ma kienitx prezenti: dana mhux skond il-procedura kif tigi pprezentata kawza u dwar dana l-fatt, l-intimat / konvenut issoleva eccezzjonijiet in linea preliminari: vide r-Risposta Guramentata tal-konvenut intavolata skond il-procedura ( anke jekk l-intimat ma kienx ghadu gie notifikat skond kif diga` imfisser hawn fuq f`dana r-Rikors ) nhar il-Hamis, 12 ta` Marzu, 2020, fis-1.30 ta` wara nofs-in-nhar, flimkien ma` zewg Dokumenti, jumejn qabel ma inghalaq il-Qorti bl-Avviz Legali fuq imsemmi, issa revokat, paragrafi 7b, 8 u 8a fejn giet solevata eccezzjoni in linea preliminari pagni 7 u 8 .  Dina tigi ttratata skond id-Direttivi ta` dina `l wisq Onorabbili Qorti.*

7. *Illi l-attrici dejjem skond il-ligi u l-procedura ta` kif jigu pprezentati, intavolati u notifikati Atti Gudizzjarji rcevit ir-Risposta Guramentata tal-konvenut zewgha flimkien mal-Kontro-Talbit fir-residenza tal-genituri taghha f`Hal-Kirkop u*

*kellha terminu definittiv bil-Ligi biex twiegeb u qed jirrizulta car li dana ma sarx, altrimenti `l Qorti hija mitluba li tistharreg u tinvestiga ghax il-procedura u l-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta` Malta mhux qedghin hemm ghalxejn jew biex inlissnu `` U Iva....mur ara `` !!!*

8. *Illi qed jirrizulta car li l-attrici hadet il-Gurament taghha nhar is-Sibt, 27 ta` Gunju, 2020, quddiem il-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi , u dana meta jidher li l-allegata  Risposta Guramentata tal-Attrici ghall-Kontro Talbiet tal-konvenut  gewipprezentati fir-Registru ta` dina l-Qorti nhar it-28 ta` Mejju, 2020, b`Affidavit ( ? ) , mill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi biss!!!*

9. *Illi n-Notifika harget lil  Avv Emy Bezzina [ ghall-korettezza Avv Emmy Bezzina ] fil-Bini tal-Qorti fejn fil-fatt gie notifikat l-Avukat li lanqas biss kellu l-opportunita` li jgharraf lil min innotifikah jekk kienx se jaccetta d-Dokument jew le, ghax min kienet lebtet `l hemm bilgri minghajr biss ma tatx opportunita` lil Dr Bezzina biex jaccetta jew jirifjuta n-Notifika, haga li Dottor Bezzina qed jghamilha cara li ma kienx lest li jghamel dana ghal ragunijiet ta` Etika Professjonal u korretezza procedurali.*

9. *Intant il-punt huwa li jirizulta car li hemm dubji serji meta fil-fatt ittiehed il-Gurament tal-Attrici  u jekk l-Attrici kienitx prezenti jew le  fir- Registru meta giet ipprezentata r-Risposta Guramentata bl-Affidavit nhar it-28 ta` Mejju, 2020. Dawna huma osservazzjonijiet b`implikazzjonijiet serjissimi li qieghed jissottometti l-konvenut / intimat BG.*

*TALBIT TAL-INTIMAT / KONVENUT BG*

==================================================

10. *Illi, ghaldaqstant, l-intimat konvenut qieghed umilment jitlob lil dina `l wisq Onorabbili Qorti, sabiex b`riferenza ghall-Atti Processwali ta` dina l-kawza u l-kontenut fl-intier tieghu ta` dana r-Rikors odjern debitament mahluf, dina l-Qorti tiddetermina, tikkjarifika, tidderegi, tiddikjara u tordna illi:*

a. *ir-Risposta Guramentata tal-attrici SG ghall- Kontro Talbiet tal-Intimat / konvenut zewgha BG ipprezentata fir-Registru opportun nhar it-28 ta` Mejju,*

*2020, ma hix konformi mal-procedura ta` kif jigi pprezentat Att Gudizjarju bhal dana kif anke jidher mill-Gurament mehud allegatament mill-Attrici nhar is-27 ta` Gunju, 2020;*

b. *ghandu jigi kkjarifikat minghajr l-icken dubju kif qed jirrizulta li mill-Att Gudizzjarju ndikat fit-talba precedenti hemm zewg dati u zewg timbri, b`referenza kemm ghar-Risposta Guramentata tas-27 ta` Gunju, 2020, kif ukoll ghall-Affidavit fit-28 ta` Mejju, 2020, bil-firma tad-Deputat Registratur Therese Sammut: ghaliex dana t-tahwid u konfuzjoni ?*

c. *illi prima facie b`hekk qed jirrizulta li r-Rikorrenti Attrici waqghet kontumaci skond il-procedura peress illi l-attrici giet notifikata ferm qabel , u cioe` kif jidher mit-timbru tan-notifika fir-residenza ta` Hal-Kirkop fejn l-attrici qedha tirresjedi wara li abbandunat id-dar matrimonjali, kif jirrizulta esplicitament fil-mori tal-kawza u fis - smiegh tal-provi ;*

d. *illi l-Affidavit ta` SG igieb id-Data tas-27 ta` Mejju, 2020, jindika car l-indirizz residenzjali taghha f` Hal Kirkop, fih diversi paragrafi u pagni, biss gie mahluf nhar is- Sibt, 27 ta` Gunju, 2020, quddiem il-Prokuratur Legali imsemmija, u li ghalhekk hemm konflitt ta` dati mhux accettabbili fi proceduri legali serjissimi bhal dawk odjerni;*

e. *illi ghaldaqstant l-attrici ghandha tigi ddikjarata li baqghet kontumacja fir-rigward tar- Risposta Guramentata taghha u tal- Affidavit hawn indikati u dana minhabba n-nuqqasijiet procedurali evidenti li jmorru kontra l-ligi, kif sottomess f`dana r-Rikors;*

f. *illi ulterjorment, dawna l-Atti Gudizzjarji riferiti f`dana r-Rikors odjern ghandhom jigu sfilzati w jitqiesu mhux formanti parti iktar minn dina l-kawza, bil- konsegwenzi kollha illi ssegwu kemm legalment kif ukoll fattwalment;*

g. *Illi alternattivament, dina `l wisq Onorabbili Qorti tati direttivi lir-rikorrenti attrici dwar rimedji ohra li jistghu w huwa possibili li jsehhu fic-cirkustanzi minghajr bl-ebda mod ma jigi ppregudikat l-intimat / konvenut BG;*

*h. illi l-ispejjez kollha fic-cirkustanzi ghandhom jigu mhollija u sopportati mir-Rikorrenti Attrici, kemm dawk gudizzjarji kif ukoll extra gudizzjarji.*

*11. Tant bl-ikbar umilta` ghandu x`jisottometti ghas-savju gudizzju ta` dina `l wisq Onorabbili Qorti, l-intimat / konvenut BG ( r-ragel konstantament lejali lejn dik li dejjem haseb kienet tabilhaqq martu, imma.....) , u li tal- Qorti dejjem jibqa` is-serv fedelissimu.*

*12 . Hekk Alla ikun xhud tieghi u dejjem jghini.*

Rat illi l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta’ SG, datata 20 ta’ Lulju 2020, li taqra hekk:

1. *Illi ma hemm xejn kontra il-ligi li kemm fir-rikors guramentat kif ukoll fir-risposta guramentata il-gurament jittiehed f' jum differenti mid-data tal-prezentata tal-att. Iktar u iktar meta dawn il-proceduri kienu ghaddejjin waqt pandemija u kull dipartiment, ufficju jew Awtorita’ inkluz ir-registru tal-Qorti ma’ kienx qed jopera bhas-soltu. Fil-fatt anke meta is-sitwazzjoni bdiet gejja ftit ftit lura ghan-normal xorta wahda il-prokuraturi legali kien qed ikollhom hin limitat fir-registru biex ma’ jkunx hemm hafna nies prezenti fl-istess hin fir-registru;*

2. *Illi intant id-data tan-Notifika tal-kontro-talba kienet it-13 ta’ Mejju 2020 u ir-risposta guramentata ghall-kontro-talba giet prezentata fil-28 ta’ Mejju 2020. Dan kollu jista jigi konstatat mill-website tal-Qorti kif ukoll mid-dokument anness li juri id-data fit-timbru tal-Qorti maghmul fuq l-att innifsu;*

3. *Illi ukoll huwa evidenti li l-Prokuratur Legali hadet zball meta fuq l-affidavit kitbet 27/06/20 flok 27/05/20. Il-konvenut qed jipprova jikkapitalizza fuq dan l-izball genwin u minimu li hu biss zball tal-pinna. Dwar dan tista anke titla’ tixhed l-istess Prokuratur Legali, Joeline Pace Ciscaldi. Fil-fatt il-gurament ittiehed jum qabel ma’ giet prezentata ir-risposta fit-28 ta’ Mejju 2020. Dan jidher li kien zball genwin anki minhabba il-fatt li is-27 ta’ Gunju habat li kien is-Sibt meta zgur li l-prokuratur legali ma’ kienetx qeghdha fir-registru tal-*

*Qorti li kien maghluq;*

4. *Intant huwa tassew deplorevoli f' affarijiet daqstant sensittivi wehed jipprova jiehu vantagg minn sitwazzjoni ta' pandemija biex ifixkel l-imhuh dwar dati ta' prezentati ta' risposti ghal kawzi li huwa evidenti li il-parti li bdiethom zgur ghandha interess fihom. Jidher ukoll illi l-intimat jew l-avukat tieghu mhumiex a konoxxenza illi l-avvizi legali 65/2020, 75/2020 u 97/2020 kienu issosspendew il-limiti taz-zmien ghal prezentata tal-atti quddiem il-Qorti skont kif imnizzel fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u dan minhabba il-pandemija tal-Covid-19, liema sospensjoni baqghet fis-sehh mis-16 ta' Marzu sat-12 ta' Gunju 2020, sakemm giet imnehhija bl-avviz Legali numru 230/2020;*

5. *Ghalhekk huwa evidenti li dan ir-rikors huwa wiehed inutli u vessatorju u qieghed isir ghal raguni wahda biss, dik li l-intimat igebbed iz-zmien u ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra il-konvenut.*

6. *Bl-ispejjez kontra il-konvenut.*

**Ikkonsidrat:**

Dan huwa digriet wara talba maghmula mill-intimat rikonvenzjonant sabiex ir-rikorrenti rikonvenzjonata tigi dikjarata kontumaci wara li, skont hu, hija ma prezentatx ir-risposta mahlufa taghha entro t-terminu legali ta' ghoxrin (20) gurnata min-notifika lilha tal-kontro-talba prezentata minnu.

Jirrizulta illi r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet giet notifikata bil-kontro-talba tal-intimat rikonvenzjonant fit-13 ta' Mejju 2020. Mill-atti jidher illi r-risposta taghha kienet giet prezentata fit-28 ta' Mejju 2020, filwaqt illi t-timbru relattiv ghall-gurament taghha jaqra "27 ta' Gunju 2020." Ir-rikorrenti rikonvenzjonata sostni fir-rikors taghha illi dan huwa evidentement zball ta' pinna, ikkonsidrat specjalment il-fatt illi is-27 ta' Gunju 2020, kien jahbat is-Sibt u ghalhekk ir-Registru kien maghluq.

Wara li rat l-atti l-Qorti hija tal-fehma illi huwa minnu illi t-timbru li jindika li l-gurament ittiehed mir-rikorrenti rikonvenzjonata fit-27 ta' Gunju 2020 sar bi zball. Dan ikkonsidrat illi

kemm ir-risposta guramentata u kemm l-affidavit anness maghha gew ittimbrati li gew prezentati fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Mejju 2020, u ghalhekk huwa car li t-timbru tal-gurament fuqhom kellu jaqra 27 ta' Mejju 2020, ikkonsidrat illi l-affidavit gie anness u prezentat flimkien mar-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonata, u ghaldaqstant huwa car li l-fatt illi t-timbru jaqra 27 ta' Gunju 2020 huwa sempliciment *lapsus calami*.

Illi pero, anke li kieku kellu jigi accettat li l-gurament ittiehed mir-rikorrenti rikonvenzjonata fit-27 ta' Gunju 2020, il-Qorti tqis illi xorta wahda ma tistghax tigi dikjarata kontumaci. Il-Qorti tosserva illi fiz-zmien relattiv it-termini legali u gudizzjarji kienu jinsabu sospizi b'effett tal-**Avviz Legali numru 61 tal-2020** minhabba l-pandemija kkawzata mill-virus Sars-CoV-2, u ghalhekk l-ghoxrin gurnata ghall-prezentata tar-risposta mahlufa tar-rikorrenti rikonvenzjonata ma bdewx jiddekorru meta giet notifikata lilha l-kontro-talba tal-intimat. Dan l-Avviz Legali kien gie revokat permezz tal-Avviz Legali numru 243 tal-2020 (Tieni Regolamenti Dwar Revokar) li kien gie promulgat fit-**30 ta' Gunju 2020.**

Ghalhekk huwa car illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ma tistghax titqies kontumaci anke kieku kellu jitqies illi l-gurament effettivament haditu fis-27 ta' Gunju 2020 peress illi b'effett tal-Avvizi Legali msemmija, hija kellha sal-20 ta' Lulju sabiex tipprezenta r-risposta mahlufa taghha, u din ir-risposta, debitament mahlufa, kienet giet prezentata fis-27 ta' Gunju 2020 u cioe komodament entro t-terminu koncess lilha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' BG maghmula fir-rikors tieghu datat 2 ta' Lulju 2020 u tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonata m'hijiex kontumaci.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**